# QORTI KOSTITUZZJONALI

## IMĦALLFIN

## S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI
## ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO
## ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 31 ta' Mejju, 2023.**

**Numru 36**

**Rikors numru 47/19/1 TA**

**Mark Formosa**

**v.**

**L-Avukat Ġenerali u b'digriet tat-28 ta' Settembru, 2020, il-kliem "L-Avukat Ġenerali" ġie sostitwit bil-kliem "L-Avukat tal-Istat."**

1. L-attur kien ġie ingaġġat bħala Direttur Proġetti u Żvilupp fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex fuq kuntratt ta' servizz għal terminu fiss ta' tliet snin, b'effett mill-1 ta' April, 2015. L-attur jgħid li meta kien skada dan il-kuntratt huwa baqa' miżmum fil-kariga tiegħu għal aktar minn tnax -il ġurnata xogħol iżda b'*email* datat 20 ta' April, 2018, kien ġie infurmat mis-Segretarju Permanenti fi ħdan il-Ministeru msemmi li l-kuntratt ta' servizz

tiegħu kien qiegħed jiġi tterminat b'effett immedjat u li l-kuntratt tiegħu kien meqjus li skada u mhux imġedded bl-ebda mod. L-attur jilmenta li l-fatt li l-Kapitolu 452 tal-Liġijiet ta' Malta ma japplikax għall-impjegati taċ-Ċivil, u l-fatt li l-Avviż Legali tal-2007 ħalla barra s-sub-artikolu (2) tal-Artikolu 34 milli jiġi applikabbli fir-rigward tal-ħaddiema taċ-ċivil qiegħed joħloq żewġ kategoriji differenti li jistgħu jibbenefikaw mill-liġijiet imsemmija. Jilmenta li l-liġi għalhekk toħloq diskriminazzjoni li mhijiex oġġettivament ġustifikata u għalhekk tagħti lok għall-leżjoni tad-drittijiet fondamentali tiegħu.

2. F'dawn il-proċeduri huwa talab għalhekk lil Ewwel Qorti sabiex:

> "1. Tiddikjara li l-Avviz 157 tal-2007 in kwantu jagħti rimedju skond l-inċiżi (1) u (3) tiegħu u jħalli barra l-inċiż (2) tal-Artikolu 34 tal-Kap. 452 u in-nuqqas tal-istat li jipprovdi sistema uniformi għall-impjegati kollha fil-pajjiż joħloq diskriminazzjoni fil-konfront tal-attur għaliex ma jistax jibbenefika mil-bidla awtomatika tal-kuntratt ta servizz minn perjodu definittiv għal wieħed indefenittiv u dana bi ksur tal Artikli 3, 6, 8, 14 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fundamentali u l-Artikolu 1 tat-12 il-Protokol tal-istess Konvenzjoni.
>
> 2. Konsegwentament tagħti dwak ir-rimedji li jidhrilha xierqa u opportuni nkluż il-ħlas ta' kumpens xieraq għall-ksur tad-drittijiet fundamentali fuq imsemmija".

3. L-Avukat tal-Istat eċċepixxa, *inter alia,* li ġaladarba l-proċedura quddiem it-Tribunal Industrijali għadha pendenti l-azzjoni odjerna għandha tiġi ddikjarata bħala intempestiva minn din il-Qorti, li l-attur qiegħed jabbuża mill-proċess kostituzzjonali għaliex kellu a dispożizzjoni tiegħu rimedju ordinarju biex iħares id-drittijiet pretiżi minnu, li l-Avviż Legali 157 tal-2007 ma jiksirx id-drittijiet fondamentali tal-attur, li l-fatt li l-

kuntratti ta' impjieg ta' diretturi mal-Gvern ma jiġġeddux b'mod awtomatiku bl-ebda mod ma jissoġġetta l-persuna għal trattament inuman u degradanti jew jilħaq xi livell ta' severità li għalih jaħseb l-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropea, li jekk l-ilment tal-attur fir-rigward tal-Artikolu 6 huwa nuqqas ta' aċċess għall-awtorità ġudizzjarja il-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tgħallem li jista' jkun hemm limitazzjonijiet imposti għal dak li jirrigwarda l-intavolar ta' appelli u li l-fatt li l-Artikolu 34(2) tal-Kapitolu 452 tal-Liġijiet ta' Malta ma japplikax għall-impjegati tal-Gvern ma jissarrafx f'nuqqas ta' aċċess għall-Qorti jew fi ksur ta' smigħ xieraq, li d-dritt sanċit mill-Artikolu 8 mhuwiex wieħed assolut u li jekk din il-Qorti tqis li hemm xi interferenza f'dan id-dritt din hija ssalvagwardjata mit-tieni paragrafu tal-istess artikolu in kwantu huwa skont il-liġi u meħtieġ f'soċjetà demokratika, li fir-rigward tal-ilment tal-attur ibbażat fuq l-Artikolu 14 l-attur ma jindikax fuq liema kawżali jew stat ir-rikorrenti qed jallega li qed jiġi diskriminat u fi kwalunke każ sabiex wieħed jitkellem fuq diskriminazzjoni jrid isir paragun fuq bażi ta' "like with like" u mhux kull distinzjoni tammonta għall-diskriminazzjoni fis-sens tal-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropea u jżid li ma jistax isir paragun bejn impjegati tal-Gvern li jaqgħu f'katergoriji differenti minn impjegati fis-settur privat u fir-rigward tal-ilment ibbażat fuq l-Artikolu 1 tat-Tnax -il Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea l-attur ma jorbot l-allegazzjoni tiegħu mal-ebda kawżali li jaħseb għaliha dan l-artikolu u fi kwalunke każ l-attur ma sofra l-ebda diskriminazzjoni mill-awtoritajiet pubbliċi.

4. Bis-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) tat-22 ta' Settembru, 2022, ġie deċiz hekk:

> "Għaldaqstant u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qiegħda taqta u tiddeċiedi din il-kawża billi;
>
> Tilqa' l-eċċezzjonijiet numru 3 sa 9 tal-intimat Avukat tal-Istat.
>
> Tiċħad it-talbiet tar-Rikorrenti.
>
> Bl-ispejjeż jitħallsu mir-Rikorrenti."

5. L-attur preżenta r-rikors tal-appell tiegħu fit-12 ta' Ottubru, 2022, permezz ta' liema talab lil din il-Qorti sabiex tħassar u tirriforma s-sentenza appellata u minflok tilqa' t-talbiet tiegħu u tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha tal-konvenut, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra tiegħu.

6. L-Avukat tal-Istat preżenta r-risposta tal-appell tiegħu fl-24 ta' Ottubru, 2022, permezz ta' liema ssottometta li l-appell tal-attur għandu jiġi miċħud bl-ispejjeż kontra tiegħu.

**Ikkonsidrat;**

**L-Ewwel Aggravju**

7. L-attur jilmenta li l-Ewwel Qorti kienet żbaljata fil-konsiderazzjonijiet tagħha dwar liema huwa l-forum kompetenti sabiex jisma' l-vertenza tal-impjieg tiegħu. Jargumenta li l-ewwel nett il-Kummissjoni tas-Servizz

Pubbliku mhijiex l-unika forum li huwa kellu a dispożizzjoni tiegħu sabiex jitlob rimedju għaliex li kieku l-impjieg tiegħu ġie konvertit f'wieħed a bażi indefinit huwa seta' ressaq il-vertenza ta' tkeċċija inġusta quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili. Jargumenta wkoll li l-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku mhijiex meqjusa bħala tribunal imparzjali u indipendenti għall-finijiet tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea peress li l-membri tagħha huma nominati mill-President fuq parir tal-Prim Ministru li huwa l-manifestazzjoni tas-servizz ċivili, u fi kwalunke każ huwa qatt ma' seta' jirrikorri għand l-istess Kummissjoni meta d-deċiżjoni dwar it-tkeċċija kienet saret bil-konsultazzjoni tagħha kif jirriżulta mill-kawża fl-ismijiet Mark Formosa v. L-Avukat Ġenerali (Rik. 85/2017). Jargumenta li ġaladarba l-Ewwel Qorti kkonkludiet li huwa kien prekluż milli jressaq it-talba tiegħu għal sejbien ta' tkeċċija inġusta *ai termini* tal-Artikolu 80 tal-Kapitolu 452 tal-Liġijiet ta' Malta l-Ewwel Qorti kellha tinvesti wkoll dwar jekk dan ir-rimedju kienx wieħed effettiv, partikolarment meta il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku ma tipprovdix is-salvagwardji meħtieġa sabiex jiġu rispettati l-prinċipji bażilari ta' *nemo iudex in causa propria u audi alteram partem*. Jargumenta li huwa rrelevanti fejn tmur biex tiġi deċiża din il-materja għaliex bl-esklużjoni tal-applikabilità tal-Artikolu 34(2) tal-Kapitolu 452 tal-Liġijiet ta' Malta huwa ma jista' jressaq il-vertenza quddiem l-ebda entità ġudizzjarja ladarba bl-esklużjoni tal-applikabbilita ta' dan l-artikolu l-impjieg tiegħu ma jistax jiġi meqjus li kien

fuq bażi indefinita u għalhekk mhux protett bis-salvagwardji kontra tkeċċija inġusta.

8. L-Avukat tal-Istat iwieġeb li fis-seduta miżmuma quddiem it-Tribunal Industrijali fit-28 ta' Marzu, 2019, il-partijiet kienu qablu li l-attur huwa uffiċjal pubbliku u għalhekk l-Ewwel Qorti kienet korretta meta kkonsidrat li t-Tribunal Industrijali huwa eskluż milli jisma' l-vertenza minħabba li l-attur huwa uffiċjal pubbliku li kellu rimedju quddiem il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku u mhux minħabba n-nuqqas ta' applikazzjoni tal-Artikolu 34(2) għall-uffiċjali pubbliċi jew in-nuqqas ta' estensjoni ta' dan l-artikolu fl-Avviż Legali 157 tal-2007. Dwar l-argument tal-appellant li f'dan il-każ l-Ewwel Qorti kellha tinvestiga wkoll jekk dan ir-rimedju kienx wieħed effettiv l-Avukat tal-Istat jargumenta li l-lanjanza tal-attur f'din il-kawża kienet ibbażata fuq l-Artikolu 6 u mhux l-Artikolu 13 tal-Konvenzjoni Ewropea u għalhekk l-Ewwel Qorti kienet korretta meta ma indagatx *di sua sponte* dwar l-effettività *o meno* ta' dan ir-rimedju. Jargumenta li fi kwalunke każ dan l-ilment tal-attur għandu jfalli l-ewwel nett għaliex l-Avviż Legali mhuwiex qiegħed jeskludi l-applikabilità tal-Artikolu 34(2) għall-uffiċjali pubbliċi iżda qiegħed biss jestendi l-applikazzjoni tal-Artikoli 34(1) u 34(3) u m'hemm xejn xi jżomm lill-Ministru milli jgħaddi Avviż Legali ieħor biex jestendi wkoll l-applikazzjoni ta' dan l-artikolu, u inoltre għaliex id-dritt fondamentali għal smigħ xieraq huwa dritt proċedurali filwaqt li l-Avviż Legali 157 tal-2007 jipprovdi

drittijiet sostantivi u mhux proċedurali u l-appellant mhuwiex qiegħed jiġi mċaħħad minn smigħ xieraq abbażi tal-applikazzjoni tal-Avviż Legali 157 tal-2007.

9. L-Ewwel Qorti għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> "Il-Qorti mill-ewwel tqis dan l-ilment kif ibbażat fuq is-sottomissjoni a' fol 204, bħala wieħed li m'għandhux mis-sewwa. Hekk kif jirriżulta mid-deċiżjoni a' fol 170, it-Tribunal astjena milli jieħu konjizzjoni tat-talbiet tar-rikorrenti mhux minħabba l-esklużjoni tas-sub-inċiż (2) tal-artikolu 34 tal-Kap 452 mill-Avviż Legali 157/2007, iżda minħabba l-Artikolu 80 (2) tal-istess Kap. 452(a' fol 170). Tali artikolu jipprekludi lit-Tribunal milli jisma u jikkunsidra xi ħaġa li "tkun tolqot jew tkun dwar uffiċjali pubbliċi". Dan minħabba li ħaġa bħal din taqa' taħt il-funzjonijiet tal-Kummissjoni tas-Servizz Pubbliku. Iġifieri id-deċiżjoni tat-Tribunal ma kienitx motivata minn xi raġuni li temerġi mill-esklużjoni imsemmija iżda minn prinċipju ġenerali tipiku għal-Kap 452 tal-liġijiet ta' Malta. Dan għaliex "Meta xi ħaġa quddiem it-Tribunal tkun tolqot jew tkun dwar uffiċjali pubbliċi t-Tribunal għandu jastjeni milli jieħu konjizzjoni ta' kull ħaġa li taqa' taħt il-funzjonijiet ta' dik il-Kummissjoni." (Emfażi tal-Qorti). Dan ifisser anke li kieku l-ilment tar-rikorrent kien dwar materja differenti minn dik li jilmenta minnha, il-fatt waħdu li huwa Uffiċċjal Pubbliku, it-Tribunal xorta kien ser jastjeni.
>
> Dan ifisser li l-aċċess għat-Tribunal Industrijali huwa prekluż għar-Rikorrenti, qua uffiċjal pubbliku skont kif dikjarat minnu stess fis-seduta tat-28 ta' Marzu 2019 (a' fol 139), irrispettivament mill-esklużjoni tas-sub-inċiż (2) tal-artikolu 34 tal-Kap. 452 mill-Avviż Legali 157/2007.
>
> Ma huwiex għalhekk minnu dak reklamat mir-Rikorrenti li l-applikazzjoni tal-Avviż Legali 157 ta' l-2007 tipprekludiħ milli jistitwixxi proċeduri quddiem it-Tribunal Industrijali sabiex "jiġu skrutinati mit-Tribunal Industrijali xi ħaġa li fil-każ odjern l-esponenti filfatt qed jitlob lit-Tribunal, iżda xi ħaġa li bl-applikazzjoni tal-Avviż Legali 157 ta' l-2007 ma tistax issir". Dan peress li r-Rikorrenti jibqa' hekk prekluż xorta waħda bl-applikazzjoni tal-Artikolu 80 (2) tal-istess Kap. 452. Iżda apparti dan, l-anqas ma jidher li huwa l-każ fejn jista' jingħad li seta' kien hemm ksur tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni. Il-Qorti tirrileva li it-talbiet tar-rikorrent jimmiraw li jimpunjaw l-Avviz 157 tal-2007 inkwantu dan jeskludi l-aplikabbilita tal-artikolu 34(2) tal-Kap 452 tal-liġijiet ta' Malta sa fejn jirrigwarda uffiċċjali pubbliċi. Ir-rikorrent ma hux jargumenta li ma inagħtax smiegħ xieraq quddiem it-Tribunal għaliex ultimament, it-tribunal għandu idejħ marbutin li jiddiċiedi skont dak li tgħid il-liġi.

Biex ilment bħal dan ikun jista' jirnexxi irid jirrisulta li kien hemm xi ksur ta' natura proċedurali quddeim it-Tribunal li ta' bilħaqq ikun caħħdu minn smiegħ xieraq. Dan ikun il-każ jekk min għandu jiddeċiedi għandu interess jew konflitti li jimmeritaw ir-rikuża tiegħu u xorta jiqba' jippresjedi kontra wieħed mill-prinċipji ta' ġustizzja naturali ta' nemo iudex in causa propia. Jew iċaħħad parti milli tressaq il-każ tagħha u tippresenta l-każ b'mod xieraq skont il-prinċipju l-ieħor tal-audi alteram partem. Kif jista' jkun osservat dawn kollha sitwazzjonijiet ta' mera proċedura. Din il-Qorti lanqas tista' tidħol fuq kwistjonijiet ta' sustanza ħlief f'każijiet estremi ta' inġustizzja manifesta. Di fatti ġie osservat hekk b'referenza għall-applikazzjoni ta' dan l-arikolu mill-ECHR:

> "The Court has studiuosly and propely followed the 'fourth instance doctrine', according to which 'It is not its function to deal with errors of fact or law allegedly committed by a national Courtunless and in so far as they may have infringed rights and freedoms protected by the convention. The right to a fair hearing which is one such Convention rights, as its wording suggests, has, as its wording suggests been interpreted as providng only, a procedural and not a substantive, guarntee." (Harris, O'Boyle and Warbrick, Law on the Convention of Human Rights, Oxford University Press, 4th Ed, pg 374).

Il-Qorti sejra għaldaqstant tiċħad din it-talba."

### *Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti*

10. Il-Qorti tibda billi tirrileva li l-argumenti tal-attur dwar jekk kinitx korretta jew le l-Ewwel Qorti meta kkonsidrat li kienet il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku biss li kienet kompetenti biex tiddetermina l-vertenza tiegħu minflok it-Tribunal Industrijali huwa pjuttost irrelevanti għall-finijiet tal-ilment tiegħu. F'din il-kawża l-attur ressaq ilment ċar u speċifiku, unikament dwar l-Avviż Legali 157 tal-2007 u b'mod partikolari l-fatt li dan l-Avviż naqas milli jestendi l-applikabbilità tal-Artikolu 34(2) tal-Kapitolu 452 tal-Liġijiet ta' Malta għall-impjegati tas-servizz pubbliku. L-Ewwel Qorti kkonsidrat li l-attur ma setax iressaq il-vertenza tiegħu dwar allegata tkeċċija inġusta quddiem it-Tribunal Industrijali mhux minħabba n-nuqqas

ta’ applikabbilità tal-Artikolu 34(2) tal-Kapitolu 425 tal-Liġijiet ta’ Malta fil-konfront tiegħu bħala uffiċjal pubbliku, iżda minħabba l-Artikolu 80(2) tal-Kapitolu 452 skont liema t-Tribunal Industrijali m’għandux kompetenza biex jisma’ u jikkonsidra xi ħaġa li tkun tolqot jew tkun dwar uffiċjal pubbliku. Dan effettivament ifisser li anke kieku l-Artikolu 34(2) kien applikabbli fir-rigward tal-attur xorta waħda t-Tribunal Industrijali ma kienx ikun kompetenti biex jiddeċiedi l-vertenza tiegħu għaliex il-kwistjoni tibqa’ waħda dwar uffiċjal pubbliku u għalhekk it-Tribunal Industrijali kien jibqa’ sprovvist minn kompetenza biex jissindika l-ilment tal-attur minħabba l-effetti tal-Artikolu 80(2) tal-Kapitolu 452 tal-Liġijiet ta’ Malta. Il-Qorti tosserva li l-attur ma ressaq l-ebda ilment f’din il-kawża dwar l-Artikolu 80(2) tal-Kapitolu 452 u għalhekk l-Ewwel Qorti ma setgħetx tgħaddi biex teżamina l-kompatibbilità ta’ dan l-artikolu mal-garanziji konvenzjonali invokati mill-attur. Inoltre, il-kwistjoni dwar jekk il-Prim’Awla tal-Qorti Ċivili hijiex kompetenti li tiddetermina l-kwistjoni tal-allegata tkeċċija inġusta hija rrelevanti għall-każ odjern, għaliex kif jgħid l-appellant stess hu x’inhu il-forum kompetenti ma jbiddilx in-nuqqas ta’ applikabbilità tal-Artikolu 34(2) tal-Kapitolu 452 fil-konfront tiegħu.

11. L-appellant huwa żbaljat ukoll meta jsostni li l-Ewwel Qorti kellha teżamina jekk proċeduri quddiem il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku fil-każ tiegħu kinux kapaċi jiggarantixxu d-dritt tiegħu għal smigħ xieraq. Kif diġà ngħad l-attur ressaq talba ċara u speċifika, li tirrigwarda

biss l-Avviż Legali 157 tal-2007. Għalhekk kwalunke kwistjoni dwar allegati nuqqasijiet ta' garanziji proċedurali f'proċeduri li seta' jistitwixxi quddiem il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku imorru *ben oltre* l-iskop ta' din il-kawża u l-Ewwel Qorti ma setgħetx taqbad u tbiddel il-binarji tal-kawża fis-sentenza, terġà u tgħid mingħajr ma tagħti lill-partijiet l-opportunità li jistemgħu dwar dan u jressqu kwalsiasi provi jqisu neċessarji biex jiddefendu l-pożizzjoni tagħhom.

12. Fir-rigward tal-argument tal-attur li n-nuqqas ta' applikabbilità tal-Artikolu 34(2) tal-Kapitolu 452 tal-Liġijiet ta' Malta jilledi d-dritt tiegħu għall-aċċess għall-Qorti, il-Qorti tirrileva li dan l-argument huwa fondat fuq malintiż manifest tal-garanziji li joħloq l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea. Fl-ambitu ċivili tiegħu l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea huwa applikabbli biss fejn jista' jingħad li jeżisti dritt li huwa rikonoxxut fil-liġi ordinarja, għaliex mhuwiex l-iskop tal-Artikolu 6 li jinħoloq dritt sostantiv li mhux diġà jeżisti fil-liġi ordinarja. F'dan ir-rigward il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Grzęda v. Poland** (QEDB, 15/03/2022):

> "*257. For Article 6 § 1 in its civil limb to be applicable, there must be a "dispute" ("contestation" in French) over a right which can be said, at least on arguable grounds, to be recognised under domestic law, irrespective of whether that right is protected under the Convention.* […]
>
> *258. Article 6 § 1 does not guarantee any particular content for "civil rights and obligations" in the substantive law of the Contracting States: the Court may not create by way of interpretation of Article 6 § 1 a substantive right which has no legal basis in the State concerned (see, for example, Roche v. the United Kingdom [GC], no. 32555/96, § 119,*

> *ECHR 2005-X; Boulois v. Luxembourg [GC], no. 37575/04, § 91, ECHR 2012; and Károly Nagy, cited above, § 61).”*

13. Għalhekk, ladarba l-appellant stess jirrikonoxxi li l-Artikolu 34(2) tal-Kapitolu 452 mhuwiex applikabbli għalih u li konsegwentement ma jgawdix mid-dritt li jitqies bħala impjegat fuq bażi indefinita jekk jinżamm fl-impjieg tiegħu għal aktar minn tnax-il ġurnata wara li jkun skada il-kuntratt ta'impjieg definit taħt liema huwa jkun ġie ingaġġat, mhuwiex ammissibli l-ilment tiegħu li n-nuqqas ta' applikabbilità tal-artikolu msemmi jilledi d-dritt tiegħu għall-aċċess għall-Qorti.

14. Għaldaqstant il-Qorti tqis li dan l-aggravju huwa infondat u qed jiġi miċħud.

**It-Tieni Aggravju**

15. Permezz ta' dan l-aggravju l-appellant jilmenta li l-Ewwel Qorti kienet żbaljata meta kkonkludiet li ma sofra l-ebda leżjoni tad-drittijiet fondamentali tiegħu sanċiti permezz tal-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea għaliex irriverta għax-xogħol li kellu qabel u li kien jaf minn qabel meta l-kuntratt kien ser jiskadilu. Jargumenta li din hija sofistikazzjoni ta' dak li ġara għaliex il-fatt li minn kariga f'daqqa waħda titpoġġa f'kariga oħra ma jammonta għal xejn għajr "*transfer*" f'sens punittiv, u apparti minn hekk huwa kien diġà impjegat maċ-ċivil u għalhekk il-fatt li seta' jirriverti

għall-pożizzjoni li kellu qabel hija biss koinċidenza u bl-ebda mod ma timpinġi fuq il-mertu tal-kawża. Jargumenta li kuntrarjament għal dak ikkonsidrat mill-Ewwel Qorti dak li joħroġ mix-xhieda tiegħu huwa li dak li kien jokkupa l-kariga ta' qablu kien ġie infurmat ħames xhur qabel ma skada l-kuntratt, li l-kuntratt tiegħu ma kienx ser jiġi mġedded, u għalhekk jekk wieħed jargumenta *a contrario sensu* dan ifisser li jekk sad-data tat-terminazzjoni u xhur wara l-attur ma ġiex debitament avżat li l-kuntratt tiegħu ma kienx ser jiġġedded huwa kellu kull raġuni għaliex jifhem li l-kuntratt ġie mġedded awtomatikament. Jsostni li bħalma huwa kien jaf li kien fuq kuntratt definittiv kien jaf ukoll li skont il-prassi tas-servizz ċivili jekk ma jkunx infurmat qabel l-iskadenza tal-kuntratt li l-kuntratt ma kienx sejjer jiġġedded dan ifisser li l-kuntratt kien ser jiġġedded awtomatikament. Jargumenta illi li kieku l-Artikolu 34(2) tal-Kapitolu 452 tal-Liġijiet ta' Malta ma jkunx esklużmilli japplika għall-impjegati tas-settur ċivili l-impjieg tiegħu kien *ipso* juru jiġi awtomatikament konvertit f'wieħed fuq bażi indefinit li jfisser li l-impjieg tiegħu seta' jiġi tterminat biss għal raġuni ġusta u ma setax jiġi arbitrarjament imkeċċi kif fil-fatt ġara.

16. L-Avukat tal-Istat iwieġeb li l-appellant kellu jkun jaf li skont mhux biss il-prassi imma l-liġi, fil-każ ta' impjegat mas-servizz pubbliku kuntratt skadut ma jiġġeddidx awtomatikament u kif inhu ben stabbilit *ignoratia legis nenimen excusat.* Jargumenta li l-proċeduri odjerni kif proposti minnu jirrigwardaw l-Avviz Legali 157 tal-2007 u n-nuqqas ta' dan l-avviż

li jestendi l-applikabbilità tal-Artikolu 34(2) tal-Kapitolu 452 għall-impjegati fis-servizz pubbliku u mhux is-sospensjoni preċedenti tiegħu, u għalhekk ma jistax iressaq ilment f'din il-kawża li t-terminazzjoni tal-impjieg tiegħu dehret bħala raġuni ta' inkompetenza jew ta' xi ħtija preżunta. Jargumenta li l-appellant naqas milli jressaq evidenza dwar x'sofra minħabba n-nuqqas ta' tiġdid tal-kuntratt, tant illi fil-kontroeżami tiegħu ikkonferma li sussegwentement għat-terminazzjoni tal-impjieg tiegħu huwa ma twaqqafx milli jerġa' japplika għal xi pożizzjoni oħra ta' grad ogħla, u dan minkejja li fis-sottomissjonijiet tiegħu sostna li sofra dannu fir-reputazzjoni tiegħu.

17. L-Ewwel Qorti għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> "Il-Qorti tibda biex tfakkar għaliex ir-rikorrent jilmenta ksur ta' dan l-artikolu konvenzjonali:
>
> > "t-terminazzjoni tal-impjieg tal-esponenti mingħajr ebda raġuni qed taffetwalu d-dritt għall-ħajja privata tiegħu inkluż ir-reputazzjoni tiegħu" (Emfazi tal-Qorti u ara nota a' fol 204 l-aħħar paragrafu). Dan għaliex "it-terminazzjoni tal-impjieg fil-każ tal-esponenti saret f'ċirkostanzi fejn kien hemm allegazzjonijiet ta' nuqqasijiet u allura f'għajnejn dawk li huma qrib tiegħu t-terminazzjoni ġiet tidher jew bħala raġuni ta' inkompetenza da parti tiegħu jew inkella minħabba xi ħtija preżunta li huwa kellu. Dan meta la qatt ittieħdu proċeduri kriminali fil-konfront tiegħu u lanqas qatt kellu xi rapport ta' inkomptetenza fix-xogħol tiegħu iżda għal kuntrarju dejjem ingħata superior performance mil-imgħallem tiegħu." (Emfażi tal-Qorti u ara nota fol 205).
>
> Kif diġa' rilevat supra, l-artikolu 34(2) tal-Kap. 452 li ġie eskluż mill-Avviż Legali 157/2007, ibiddel l-istat ta' impjegat b'kuntratt definit għal wieħed b'kuntratt indefinit f'każ li l-impjegat jinżamm fix-xogħol bla ma jingħata kuntratt ġdid għal tal-inqas tnax -il ġurnata minn meta jkun għalaq il-kuntratt ta' qabel. Ma jistax jingħad li kellu terminazzjoni ta' impjieg. Fl-ewwel lok għaliex hu ġi infurmat b'email tal-20 ta' April 2018 li l-kuntratt skada u mhux ġie terminat. Di fatti, hu baqa' fl-impieg u reġa' irriverta għal grad sostantiv ta' senior principal (ara affidavit ta' John Borg a' fol 125). Ma hux il-każ li kellu impjieg itterminat "mingħajr ebda raġuni" jew "f'ċirkostanzi fejn kien hemm allegazzjonijiet ta'

nuqqas" hekk kif qiegħed jissottometti r-Rikorrenti in bażi għal dan l-ilment konvenzjonali. Di fatti il-konklużjonijiet tiegħu huma għal kollox gratwiti fis-sens illi dan x'daħħal f'rasu hu. L-anqas hemm xi xorta' ta' ċirkostanzi jew provi li dan kien il-każ għalkemm ma ngħata ebda raġuni espressa. Dan tant huwa minnu li l-avviż 157 tal-2007, ikkanċella l-avviż 51 tal-2007 ma jagħti ebda raġunijiet għala kuntratt ma għandux ikun imġedded mentri fl-aħħar avviż kien hemm.

Għalhekk huwa manifestament ċar li s-sitwazzjoni tar-rikorrenti ma tinkwadrax ruħha fid-definizzjoni ta' "terminazzjoni ta' impjieg". Dan joħroġ ċar anke mit-tifsira mogħtija fl-artikolu 2 (d) tal-Kap. 452 fejn jiddisponi li "l-iskadenza tad-data tat-tmiem ta' kuntratt ta' servizz għal terminu ta' żmien fiss ma għandux jitqies bħala temm ta' kuntratt ta' servizz għal terminu ta' żmien fiss". (Emfażi tal-Qorti)

Huwa evidenti li l-inklużjoni jew le tal-artikolu 2 tal-Kap. 452 fl-Avviż Legali 157 tal-2007 ma' għandha l-ebda effett u lanqas tiċċentra xejn mas-sitwazzjoni kif preżentata mir-Rikorrenti fin-nota tiegħu in bażi ta' dan l-ilment.

Di piu' l-ECHR kellha oportunita' teżamina dan l-artikolu fil-każ ta' impjiegi u relazzjonijiet industrijali. Qalet Hekk:

> "In the cases falling into the above-mentioned category, the Court applies the concept of "private life" on the basis of two different approaches: (α) identification of the "private life" issue as the reason for the dispute (reason-based approach) and (β) deriving the "private life" issue from the consequences of the impugned measure (consequence-based approach).
>
> (α) Reason-based approach
>
> 103. Complaints concerning the exercise of professional functions have been found to fall within the ambit of "private life" when factors relating to private life were regarded as qualifying criteria for the function in question and when the impugned measure was based on reasons encroaching upon the individual's freedom of choice in the sphere of private life.
>
> 104. Thus, in the area of public service, where measures taken by State authorities were contested, the Court has found, for example, that investigations by the military police into the applicants' homosexuality and their consequent administrative discharge on the sole ground of their sexual orientation directly interfered with their right to respect for private life (see Smith and Grady, cited above, § 71). In Özpınar (cited above), proceedings for the applicant's dismissal as a judge fell under Article 8 of the Convention because they concerned not only her professional performance but also targeted aspects of her private life, in particular her close private relationships, the clothes and make-up she wore and the fact that she lived separately from her mother (ibid., §§ 43 and 47). In another case the applicant's transfer to a less important post within the public service raised an issue under "private life" given that such a measure amounted to a disguised

penalty and had been prompted by reasons relating to the applicant's beliefs and his wife's clothing (see Sodan, cited above, §§ 47-49).

105. The Court has applied similar logic from the standpoint of the positive obligations to carry out a careful balancing exercise between the private interests of employees and those of a non-governmental employer when the reasons for the dismissal related directly to the applicants' conduct in their private life, such as an extramarital relationship (see Obst, cited above, §§ 43 et seq.) or living with a new partner after separation (see Schüth, cited above, §§ 57 et seq.). Where a private company dismissed an employee on the basis of monitoring of his correspondence by his employer in the workplace, such a measure fell within the ambit of Article 8 in so far as it concerned the "correspondence" and because it encroached upon the reasonable possibility of enjoying any "private life" in the workplace (see Bărbulescu, cited above, §§ 81 and 127).

106. As can be seen from these examples, the underlying reasons for the impugned measure affecting professional life may be linked to the individual's private life and these reasons themselves may render Article 8 applicable.

(β) Consequence-based approach

107. When the reasons for imposing a measure affecting an individual's professional life are not linked to the individual's private life, an issue under Article 8 may still arise in so far as the impugned measure has or may have serious negative effects on the individual's private life. In this connection the Court has taken into account negative consequences as regards (i) impact on the individual's "inner circle", in particular where there are serious material consequences, (ii) the individual's opportunities "to establish and develop relationships with others", and (iii) the impact on the individual's reputation." (Emfażi tal-Qorti Ara Denisov -vs- Ukraine Application no.76639/11 tal-25 ta' Settembru 2018).

Il-Qorti appositivament emfasiżżat ir-raġunijiet fejn dan l-artikolu huwa applikabbli. Minn eżami tal-provi u atti ma jirrisultax li dan id-dritt fundamentali ġie miksur. Mhux biss għaliex ma kienx hemm ksur ta' impieg jew ġew mogħtija raġunijiet li jikkompromettu il-ħajja privata tar-rikorrent, imma il-Qorti trid tfakkar li r-rikorrent ma tilifx l-impjieg tiegħu iżda irriverta għal dak sostantiv ta' qabel u di piu' ir-rikorrent kien jaf minn qabel bil-possibilta' li din ma setgħetx ma tkunx imġedda jew ikkonfermata (ara kontro eżami tar-rikorrent minn a' fol 177 sa 178). Fil-kontro eżami saħansitra jammetti hekk, mistoqsi jekk kif baqa' għaddej bix-xogħol li kellu:

"Xhud: Ghax is-soltu jinformawk qabel.

Dr. Corinne Pace: Meta tghid is-soltu, kellek xi kuntratt iehor?

Xhud: …Qabel ma lhaqt direttur tal-projects and development, id-direttur ta' qabli kien infurmat 5 months qabel li ha jiskadilu l-kuntratt."

> Minn dan il-passaġġ jirriżulta b'mod ċar li r-rikorrent kien jaf għalxiex dieħel. Kien jaf li kien destinat li l-kuntratt tiegħu ma jkunx imġedded u li ma kienx hemm obbligu li jiġġedded. Għalhekk il-Qorti ma tistax tifhem kif qiegħed jgħid li dan kisirlu id-dritt tiegħu taħt artikolu 8 konvenzjonali għaliex kien hemm oħrajn li għaddew minnha proċedura bħal din.
>
> Il-Qorti sejra għaldaqstant tiċħad ukoll din it-talba."

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

18. Il-Qorti tqis li dan l-aggravju huwa infondat. L-Ewwel Qorti għamlet eżami tajjeb tal-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea dwar meta terminazzjoni ta' impjieg tista' titqies leżiva tad-dritt fondamentali għall-ħajja privata sanċit mill-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni, u kienet korretta wkoll meta qieset li l-ebda waħda miċ-ċirkostanzi indikati fil-ġurisprudenza ma hija applikabbli fil-każ in kwistjoni. Il-Qorti tosserva li fil-fatt l-attur jibbaża dan l-aggravju tiegħu fuq suppożizzjonijiet li bl-ebda mod ma ġew pruvati. L-attur isostni li hija prassi fis-servizz pubbliku li kuntratt definit jiġi mġedded awtomatikament sakemm l-impjegat in kwistjoni ma jiġix notifikat li l-kuntratt mhuwiex ser jiġġedded. Però l-attur ma ressaq l-ebda prova ta' dan. Il-Qorti tosserva li a kuntrarju ta' dan l-argument tal-attur, il-kuntratt tiegħu kien jistipola li huwa kellu jkun notifikat disgħin ġurnata qabel it-terminazzjoni tal-kuntratt tiegħu fil-każ biss li l-kuntratt kien ser ikun qed jiġi tterminat qabel iż-żmien bis-saħħa tal-Artikolu 110 tal-Kostituzzjoni, filwaqt li m'hemm l-ebda klawżola li tipprovdi għall-possibilità ta' estensjoni tal-kuntratt. Għalhekk il-preżunzjoni li għandha quddiemha din il-Qorti hija mhux biss li ma kien hemm l-ebda aspettattiva

leġittima li l-kuntratt kien ser jiġi mġedded, awtomatikament jew mod ieħor, iżda talli li ma kien hemm l-ebda ħtieġa li l-attur jiġi nnotifikat bit-terminazzjoni iminenti tal-kuntratt sakemm il-kuntratt ma kienx ser ikun jiġi terminat qabel iż-żmien provdut fil-kuntratt. Għalhekk iktar u iktar kien jinkombi fuq l-attur li jressaq prova biex jikkorrobora l-allegazzjoni tiegħu li l-prassi hija li l-kuntratt jiġi awtomatikament imġedded sakemm l-impjegat ma jiġix notifikat mod ieħor.

19. Apparti minn hekk, l-attur bl-ebda mod ma ressaq prova li huwa sofra danni fir-reputazzjoni tiegħu għaliex it-terminazzjoni tal-kuntratt titqies bħala "*transfer*" punittiv. F'dan ir-rigward il-Qorti tosserva li l-kuntratt tal-attur kien għal żmien definit, bil-possibilità li jiġi tterminat qabel ma jiskadi ż-żmien, mingħajr l-ebda tip ta' provvediment għall-estensjoni tal-kuntratt u bl-intiża ċara u espressa li "[u]*pon termination of the Agreement, the Officer shall unless he has previously reached retirement age revert to his substantive grade and to the pay and employment conditions attached to that grade.".* Għalhekk almenu skont il-kuntratt ta' servizz tal-attur jidher li kien espressament previst mill-kuntratt tiegħu li jirreverti lura għall-pożizzjoni li kellu qabel malli jiskadi l-kuntratt ta' servizz in kwistjoni, b'mod li jekk l-attur qiegħed jallega li l-prassi kienet proprju bil-kontra kien jinkombi fuqu li jġib prova ċara ta' dan. Fin-nuqqas ta' tali provi, l-Ewwel Qorti kienet korretta meta sabet li l-fatti ta' dan il-każ, skont il-provi li jinsabu fl-atti, ma jinkwadrawx ruħhom fiċ-ċirkostanzi

li fihom tista' tinstab leżjoni tad-dritt fondamentali tal-individwu sanċit permezz tal-Artikolu 8.

20. Inoltre, kif ikkonsidrat korrettement l-Ewwel Qorti il-fatt li l-Artikolu 34(2) tal-Kapitolu 452 tal-Liġijiet ta' Malta mhuwiex applikabbli għall-attur għaliex huwa uffiċjal pubbliku ma jwassal għall-ebda leżjoni tal-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea skont il-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea peress li ma jinkwadrax fl-ebda waħda miċ-ċirkostanzi li jagħtu lok għall-applikabbilità ta' dan l-artikolu. Il-Qorti tosserva li n-nuqqas ta' applikabbilità tal-Artikolu 34(2) tal-Kapitolu 452 tal-Liġijiet ta' Malta tolqot lill-uffiċjali pubbliċi kollha u mhux lill-attur biss, u għalhekk żgur li ma jistax jingħad li dan in-nuqqas huwa bbażat fuq xi aspett tal-ħajja privata tiegħu jew li jista' jwassal għal xi dannu fir-reputazzjoni tiegħu personali ladarba l-uffiċjali pubbliċi kollha jinsabu fl-istess sitwazzjoni bħalu.

21. Għaldaqstant dan l-aggravju qiegħed jiġi miċħud.

**It-Tielet Aggravju**

22. Permezz ta' dan l-aggravju l-attur jilmenta li l-Ewwel Qorti kienet żbaljata meta kkonsidrat li l-impjegat fis-servizz pubbliku u l-impjegati fis-settur privat mhumiex f'sitwazzjoni oġġettivament komparabbli. Jargumenta li l-Ewwel Qorti kienet żbaljata meta sejset din il-

konsiderazzjoni tagħha fuq is-sentenza tal-Qorti Ewropea Fabian v. Hungary għaliex jekk wieħed jaqra sew din is-sentenza jara li l-Qorti Ewropea ma qalitx dan b'mod assolut peress li użat il-kelma "*may*." Isostni li din is-sentenza mkien ma tgħid li ma teżisti ebda sitwazzjoni komparabbli bejn l-impjegati fis-settur pubbliku u fis-settur privat iżda biss enunċjat numru ta' każijiet fejn dawn l-impjegati ma jistgħux jitqiesu f'din is-sitwazzjoni, mentri l-każ odjerna ma jaqa' taħt l-ebda wieħed minn dawn il-każijiet peress li mhuwiex dwar ħlas ta' pagi u pensjonijiet u/jew kondizzjonijiet ta' impjieg. Jargumenta li l-unika prova li kellu jġib huwa sabiex juri li jinsab f'sitwazzjoni analoga jew f'sitwazzjoni simili għal min mhux impjegat fis-settur pubbliku, xi ħaga li ma kinitx kontestata, u ma tagħmel ebda differenza x'impjieg kien fih għaliex kif jingħad l-Artikolu 34(2) jolqot kull impjieg fis-settur privat. Isostni li huwa ovvju li l-Istat qiegħed jieħu vantaġġ mill-pożizzjoni tiegħu u li mhux qed joħloq "*level playing field*" bl-esklużjoni tal-applikazzjoni tal-Artikolu 34(2) favur l-impjegati fis-settur pubbliku. Jargumenta li huwa ovvju li l-Istat irid li lill-impjegati tiegħu jkeċċihom meta jrid mingħajr ma jissottometti ruħu għall-iskrutinju tal-Qrati/Tribunali biex jissindikaw jekk it-terminazzjoni tkunx ġusta jew arbitrarja. Isostni li l-Artikolu 34(2) tal-Kapitolu 452 tal-Liġijiet ta' Malta jirrigwarda trattament bażilari li ħaddiem għandu jingħata sabiex ma jiġix sfruttat, u jilmenta li l-Ewwel Qorti naqset milli tiddelibera l-punt li huwa inżamm jaħdem għal bosta ġimgħat wara li skadilu l-kuntratt.

23. L-Avukat tal-Istat iwieġeb li l-appellant huwa żbaljat fl-argumenti tiegħu dwar is-sentenza Fabian v. Hungary għaliex jidher ċar li l-Qorti Ewropea qalet li l-impjegati tas-servizz pubbliku u dawn tas-settur privat mhumiex komparabbli għal diversi raġunijiet, u huwa manifest li l-Ewwel Qorti għamlet apprezzament korrett ta' dak li ġie kkunsidrat mill-Qorti Ewropea f'din is-sentenza. Jargumenta li l-kummenti tal-appellant dwar l-għanijiet tal-Istat wara l-esklużjoni tal-Artikolu 34(2) huma inveritieri u dispreġġattivi, u jagħmel referenza għax-xhieda ta' Leo Bonnici li spjega r-raġunijiet wara d-differenzi fir-regolament tal-impjieġ fiċ-ċivil u dawn fil-privat, liema raġunijiet ma ġew bl-ebda mod kontradetti mill-attur. Iżid li l-Qorti Ewropea ukoll tagħraf dawn id-distinzjonijiet u bl-ebda mod ma jista' jiġi konkluż li l-Istat qiegħed japprofitta ruħu mill-poter tiegħu biex ikeċċi impjegati meta jrid u ma joqgħodx għall-iskrutinju tal-Qorti u jgħid li anzi l-uffiċjali pubbliċi għandhom il-protezzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

24. L-Ewwel Qorti għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> "Dan huwa l-ilment prinċipali li fuqu r-Rikorrent ried li jsejjes it-talba tiegħu.
>
> Kif sostniet diverżi drabi l-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem (QEBD), l-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni ma jfittix li jassigura protezzjoni kontra d-diskriminazzjoni per se, iżda biss kontra diskriminazzjoni f' "It-tgawdija tad-drittijiet u libertajiet kontemplati [fil-] Konvenzjoni". Fi kliem ieħor, il-garanzija provduta fl-Artikolu 14 ma teżistix indipendentement iżda hija kumplimentari għad-dispożizzjonijiet sostantivi l-oħra tal-Konvenzjoni u l-Protokolli tagħha. L-Artikolu 14 fil-fatt jifforma parti integrali ta' kull Artikolu tal-Konvenzjoni li jistabbilixxi d-drittijiet u l-libertajiet (ara Molla Sali v. Greece [GC], 2018, § 123; Carson and Others v. the United Kingdom [GC], 2010, § 63; E.B. v.

France [GC], 2008, § 47; Marckx v. Belgium, 1979, § 32; "the Belgian linguistic case", 1968, § 9 of "the Law" part; Carson and Others v. the United Kingdom [GC], 2010, § 63; E.B. v. France [GC], 2008, § 47; the Belgian linguistic case, 1968, § 9 of "the Law" part; Marckx v. Belgium, 1979, § 32; Inze v. Austria, 1987, § 36).

Madanakollu u minkejja n-natura kumplimentari ta' dan l-Artikolu, ma hux neċessarju li jinstab ksur ta' wieħed mid-drittijiet sostantivi garantiti mill-Konvenzjoni sabiex l-istess jista' jsir applikabbli. L-applikabbilitá tal-artikolu 14, moqri flimkien ma' dispożizzjoni sostantiva, hija f'dan is-sens awtonoma, jiġifieri ma tippresupponix bil-fors ksur ta' xi dritt sostantiv (Carson and Others v. the United Kingdom [GC], 2010, § 63; E.B. v. France [GC], 2008, § 47; Sidabras and Džiautas v. Lithuania, 2004, § 38). Il-QEBD difatti rrikonoxxit l-applikabbilitá tal-Artikolu 14 f'każijiet fejn ma nstab ebda ksur tad-dritt sostantiv innifsu (Sommerfeld v. Germany [GC], 2003; Marckx v. Belgium, 1979; the Belgian linguistic case, 1968, § 4).

Biex l-Artikolu 14 jitqies applikabbli, huwa biżżejjed li l-fatti tal-każ jaqgħu fl-ambitu usa ta' wieħed jew aktar mill-Artikolu tal-Konvenzjoni. Ma hemmx ħtieġa li l-iskop materjali tal-applikazzjoni tal-artikolu 14, moqri flimkien ma' dispożizzjoni sostantiva, jiġi strettament limitat u esklussivament ridott għall-iskop materjali tal-applikazzjoni tad-dispożizzjoni sostantiva (Carson and Others v. the United Kingdom [GC], 2010, § 63; E.B. v. France [GC], 2008, § 47; Konstantin Markin v. Russia [GC], 2012, § 124; Sidabras and Džiautas v. Lithuania, 2004, § 38).

Konsegwentement, il-QEBD sabet li r-rekwiżit ta' non-diskriminazzjoni sanċit fl-Artikolu 14 japplika għal dawk id-drittijiet addizzjonali li jaqgħu taħt l-iskop ġenerali ta' kwalunkwe artikolu tal-Konvenzjoni u li għall-liema l-iStat iddeċida volontarjament li jipprovdi protezzjoni (Fábián v. Hungary [GC], 2017, § 112; Biao v. Denmark [GC], 2016, § 88; İzzettin Doğan and Others v. Turkey [GC], 2016, § 158; Carson and Others v. the United Kingdom [GC], 2010, § 63; E.B. v. France [GC], 2008, § 48; X and Others v. Austria [GC], 2013, § 135; Genovese v. Malta, 2011, § 32; Beeckman and Others v. Belgium (dec.), 2018, § 19).

Dan il-kunċett ta' drittijiet addizzjonali jirriżulta meta l-interess legali li għalih japplika dan ir-rekwiżit ikun jew jaqa' fl-ambitu ta' dispożizzjoni sostantiva (Zarb Adami v. Malta, 2006, § 49), jew ikun marbut mal-eżerċizzju ta' dritt garantit minn dispożizzjoni sostantiva (Konstantin Markin v. Russia [GC], 2012, § 129), jew ma jkunx jaqa għal kollox barra mill-ambitu tad-dispożizzjoni sostantiva (Van der Mussele v. Belgium, 1983, § 43).

B'dan il-mod il-QEBD sabet li l-Artikolu 14, moqri flimkien ma dritt sostantiv taħt il-Konvenzjoni, jista jkun applikabbli għal ħafna oqsma, inkluż dak li għandha preżentat quddiemha il-Qorti fil-każ tal-lum,

jiġifieri il-qasam tal-impjiegi (Sidabras and Džiautas v. Lithuania, 2004; Bigaeva v. Greece, 2009).

L-Artikolu 14 jeżiġi li persuni f'sitwazzjonijiet simili jiġu trattati b'mod ugwali. Il-QEBD fissret din id-dispożizzjoni bħala waħda li tkopri kwalunkwe forma ta' diskriminazzjoni ibbażata fuq karatteristika identifikabbli jew 'status ieħor' li toħloq differenza fit-trattament ta' persuni f'sitwazzjonijiet analogi/identiċi jew anke relattivament simili (Biao v. Denmark [GC], 2016, § 89; Carson and Others v. the United Kingdom [GC], 2010, § 61; D.H. and Others v. the Czech Republic [GC], 2007, § 175; Burden v. the United Kingdom [GC], 2008, § 60; Varnas v. Lithuania, 2013, § 106; Hoogendijk v. the Netherlands (dec.), 2005; Molla Sali v. Greece [GC], 2018, §113 u §133; Fábián v. Hungary [GC], 2017, § 113; Khamtokhu and Aksenchik v. Russia [GC], 2017, § 64; X and Others v. Austria [GC], 2013, § 98; Konstantin Markin v. Russia [GC], 2012, § 125; Marckx v. Belgium, 1979, § 32; Burden v. the United Kingdom [GC], 2008, § 60; D.H. and Others v. the Czech Republic [GC], 2007, § 175; Zarb Adami v. Malta, 2006, § 71; Kafkaris v. Cyprus [GC], 2008, § 160; Clift v. the United Kingdom, 2010, § 66; Demokrat Parti v. Turkey (dec.), 2021).

Dan ifisser li, min iressaq ilment taħt l-artikolu 14, irid juri li:

a. ġie trattat b'mod differenti minn persuna/grupp ta' persuni mqiegħda f'sitwazzjoni relattivament simili jew li ġie trattat l-istess bħal grupp ta' persuni mqiegħda f'sitwazzjoni relattivament differenti; u li

b. din id-differenza inħolqot minn raġuni b'karatteristika identifikabbli, oġġettiva jew personali, jew 'status' li tiddistingwi persuni/gruppi ta' persuni minn xulxin (Molla Sali v. Greece [GC], 2018, § 134; Fábián v. Hungary [GC], 2017, § 113; Kiyutin v. Russia, 2011, § 56).

Il-QEBD qieset li fil-verifika tal-kwistjoni dwar jekk seħħitx verament differenza fit-trattament u jekk din saritx skont il-kriterji msemmija fl-artikolu 14, għandha tiġi evalwata fid-dawl tar-raġuni li toħloq id-distinzjoni. Dan kemm abbażi tal-fatti marbuta mas-suġġett materjali tagħha, kif ukoll abbażi taċ-ċirkostanzi marbuta mal-għan u l-iskop tagħha. Din l-evalwazzjoni trid issir fid-dawl tad-dritt sostantiv tal-Konvenzjoni li jkun ġie invokat flimkien mal-artikolu 14 (Fábián v. Hungary [GC], 2017, § 121; Nachova and Others v. Bulgaria [GC], 2005, § 147; Timishev v. Russia, 2005, § 39; D.H. and Others v. the Czech Republic [GC], 2007, § 178).

Hekk kif jidher ictu oculi mill-kliem "għal kull raġuni bħalma..." u l-inklużjoni fil-lista tal-frażi "jew status ieħor", l-Artikolu 14 jipprovdi lista miftuħa ta' raġunijiet protetti kontra d-diskriminazzjoni. Il-QEBD tgħat interpretazzjoni wiesa tal-frażi "status ieħor" li biha kompliet tespandi n-numru ta' raġunijiet protetti taħt dan l-artikolu (Clift v. the United Kingdom, 2010, § 55 u 56; Engel and Others v. the Netherlands, 1976,

§ 72; Carson and Others v. the United Kingdom [GC], 2010, § 70; (Kiyutin v. Russia, 2011, § 56; Clift v. the United Kingdom, 2010, § 56)

Meta trattament jkun instab li huwa differenzjali, ma jiġix awtomatikament meqjus li huwa diskriminatorju. Dan għaliex mhux id-differenzi kollha fit-trattament (jew nuqqas ta' trattament differenti ta' persuni f'sitwazzjonijiet relattivament differenti) jikkostitwixxu diskriminazzjoni, iżda biss dawk nieqsa minn 'ġustifikazzjoni oġġettiva u raġonevoli'.

Dan jiġifieri meta d-differenza fit-trattament ma tkunx marbuta ma' 'għan leġittimu' ('legitimate aim') jew ma jkunx hemm relazzjoni raġonevoli ta' proporzjonalitá bejn il-mezzi impjegati u l-għan imfittex li jitwettaq ('proprotionality between the means employed and the aim sought to be realised') (Molla Sali v. Greece [GC], 2018, § 135; Fabris v. France [GC], 2013, § 56; D.H. and Others v. the Czech Republic [GC], 2007, § 175; Hoogendijk v. the Netherlands (dec.), 2005; Fábián v. Hungary [GC], 2017, § 113; Abdulaziz, Cabales and Balkandali v. the United Kingdom, 1985, § 72; the Belgian linguistic case, 1968, § 10 of "the Law" part).

Dan ifisser li l-Qorti għandha tipproċedi billi l-ewwel tara jekk jeżistix għan leġittimu marbut ma' dan it-trattament differenti, u wara tara jekk dan jilħaqx bilanċ ġust bejn il-protezzjoni tal-interess tal-komunitá u r-rispett għad-drittijiet fundamentali tal-individwu. F'dan ir-rigward l-istat igawdi minn ċertu marġni ta' apprezzament li jvarja skont iċ-ċirkostanzi, is-suġġett u l-isfond tal-każ (Molla Sali v. Greece [GC], 2018, § 136; Stummer v. Austria [GC], 2011, § 88; Burden v. the United Kingdom [GC], 2008, § 60; Carson and Others v. the United Kingdom [GC], 2010, § 61).

Applikat dan l-insenjament għall-mertu tal-każ odjern, il-Qorti mill-ewwel issib li dan l-ilment ma huwiex ġustifikat. Primarjament u kif sewwa ssottometta l-Avukat tal-Istat fil-paragrafu 36 sa 38 tan-nota tiegħu, r-Rikorrenti ma setax jinvoka l-Artikolu 14 waħdu. Hekk kif delinjat fil-prinċipji ġurisprudenzjali supra, l-Artikolu 14 jaqdi funzjoni supplimentari u kumplimentari għad-dispożizzjonijiet sostantivi l-oħra tal-Konvenzjoni u l-Protokolli tagħha. Għalhekk il-garanzija provduta fl-artikolu 14 ma tissussistix indipendentement iżda tapplika biss jekk il-fatti tal-kawża jaqgħu fl-ambitu ta' applikazzjoni ta' wieħed jew iktar mill-artikoli u l-protokolli msemmija. Fl-ilment tiegħu abbażi tal-Artikolu 14, ir-Rikorrenti ma nkwadrax il-fatti tal-każ fl-ambitu ta' l-artikolu Konvenzjonali iżda ddikjarah in vacuo.

Magħdud dan u bi qbil ukoll ma dak sottomess mill-Avukat tal-Istat, ir-Rikorrenti ma weriex li, bħala impjegat fis-servizz ċivili u li għaldaqstant ir-renumerazzjoni tiegħu hija dipendenti fuq l-Istat, kien f'sitwazzjoni relattivament simili għal persuni impjegati fis-settur privat. Lanqas ma wera li l-esklużjoni tal-artikolu 34(2) tal-Kap. 452 mill-Avviż Legali 157/2007 toħloq diskriminazzjoni ibbażata fuq karatteristika

identifikabbli jew 'status ieħor'. Dan, għalkemm hekk kien inkombenti fuqu li jagħmel. L-anqas ma rnexxilu jipprova li persuni fl-istess posizzjoni tiegħu ġew trattati differentement minnu. Pjuttost dak li jrid ir-rikorrent hu li hu jkun trattat differenti minn ħaddiehor, billi jinżamm fejn kien, meta ta' qablu, kif xehed huwa stess, spiċċa mill-posizzjoni li kellu u li daħal fiha hu. Minkejja dawn in-nuqqasijiet li minnhom infishom ġia jipprekludu l-applikabbilitá tal-artikolu 14 tal-Konvenzjoni għal-każ odjern, l-ilment tar-Rikorrenti jibqa, fi kwalunkwe każ, inammissibli.

Tabilħaqq fil-ġurisprudenza tagħha l-QEBD kemm -il darba affermat li impjegati fis-servizz ċivili u dawk fis-settur privat m'għandhomx fil-fatt jitqiesu f'sitwazzjoni komparabbli taħt l-artikolu 14 tal-Konvenzjoni. Dan għas-segwenti raġunijiet:

"As a general starting-point the Court considers, firstly, that the Contracting Parties, by necessity, enjoy wide latitude in organising State functions and public services, including such matters as regulating access to employment in the public sector and the terms and conditions governing such employment, in the context of their obligations under the Convention.

Secondly, for institutional and functional reasons, employment in the public sector and in the private sector may typically be subject to substantial legal and factual differences, not least in fields involving the exercise of sovereign State power and the provision of essential public services. Civil servants, unlike persons employed in the private sector, may be engaged in the exercise of the State's sovereign power, and therefore their functions as well as the duty of loyalty owed to their employer may be of a different nature, although the extent to which this is the case may depend on the specific functions they have to perform.

Thirdly, as a result of the above, it cannot be assumed that the terms and conditions of employment, including the financial ones, or the eligibility for social benefits linked to employment, will be similar in the civil service and in the private sector, nor can it therefore be presumed that these categories of employees will be in relevantly similar situations in this regard. Another important difference in this context is that the salaries as well as the employment-linked social benefits of State employees, unlike those of private-sector employees, are paid by the State.

Each of the three kinds of considerations mentioned above is widely reflected in various ways in a long-standing line of case-law recognising a distinction between civil servants and private employees as two categories that are not comparable.

[T]he present case has revealed a need to take yet a further – fourth – factor into account, namely the role of the State when acting in its

capacity as employer. This role is distinct from the one the State assumes when acting in its capacity as regulator of the minimum conditions of employment and of the provision of social-welfare benefits linked to employment in sectors outside its direct control. In particular, as employers, the State and its organs are not in a comparable position to private-sector entities either from the perspective of the institutional framework they operate under or in terms of the financial and economic fundamentals of their activities; the funding bases are radically different, as are the options available for taking measures to counter financial difficulties and crises." (Fábián v. Hungary [GC], nru. 78117/13, 5 ta' Settembru 2017§§ 122, 123 u 127) (sottolinear ta' din il-Qorti).

Forsi mhux b'mod daqshekk ċar, ix-xhieda ta' Leo Bonniċi hija riflessjoni ta' dan ix-xorta ta' raġunament inkwantu l-indole ta' konċessjonijiet li jagħti is-Servizz Pubbliku lill-impjegati tiegħu ( ara 192 sa 197). Magħdud dan, il-QEBD affermat ukoll li t-tul ta' żmien kuntratt ta' impjieg lanqas jista' jitqies bħala raġuni ta' 'status ieħor' ai fini tal-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni. Dan għaliex, fit-termini ta' dan l-artikolu, status ieħor hija intiża biex tinkludi biss raġunijiet analogi jew simili għal dawk hemm elenkati espliċitament, li għandhom x'jaqsmu ma karatteristika personali. Għaldaqstant raġunijiet għal tul ta' żmien ta' kuntratt ta' xogħol, li ma jirriflettu ebda karatteristika jew konvinzjoni personali u li jistgħu jinbidlu faċilment, ma jaqgħux taħt it-terminu 'status ieħor' imsemmi fl-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni (ara Peterka v. the Czech Republic (Dec.), 2010, ċitata ukoll mill-Avukat tal-Istat f'para 45 tan-nota tiegħu).

Isegwi għalhekk li ma kien hemm ebda diskriminazzjoni u għaldaqstant ebda vjolazzjoni tal-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni."

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

25. Fil-fehma ta' din il-Qorti dan l-aggravju huwa wkoll infondat għaliex il-mod kif tressaq l-ilment dwar l-allegat ksur tal-Artikolu 14 mill-attur huwa improponibbli. Għalhekk huwa rrelevanti jekk il-konsiderazzjonijiet tal-Ewwel Qorti fil-mertu humiex korretti jew le. Kif sewwa qalet l-Ewwel Qorti, l-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropea m'għandux eżistenza awtonoma, iżda huwa kumplimentari għad-drittijiet l-oħra protetti mill-istess Konvenzjoni. Għalhekk mhuwiex proponibbli lment ibbażat biss

fuq l-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni, peress li tali lment jista' jsir biss jekk jiġi abbinat ma' xi dritt ieħor sanċit mill-Konvenzjoni. Fil-fatt, dan l-artikolu nnifsu jipprovdi illi l-projbizzjoni ta' agir jew trattament diskriminatorju kontemplata f'dan l-artikolu tirrigwarda l-garanzija tat-"tgawdija tad-drittijiet u libertajiet kontemplati f'din il-Konvenzjoni.". Kif ġie spjegat fis-sentenza fl-ismijiet **Molla Sali v. Greece** (QEDB, 19/12/2018):

> "*The Court has consistently held that Article 14 of the Convention complements the other substantive provisions of the Convention and the Protocols thereto. Article 14 has no independent existence since it has effect solely in relation to "the enjoyment of the rights and freedoms" safeguarded thereby. Although the application of Article 14 does not presuppose a breach of those provisions – and to this extent it is autonomous – there can be no room for its application unless the facts at issue fall within the ambit of one or more of them. The prohibition of discrimination enshrined in Article 14 thus extends beyond the enjoyment of the rights and freedoms which the Convention and the Protocols thereto require each State to guarantee*."

26. Għalhekk, ġaladarba l-attur naqas milli jabbina dan l-ilment ma' xi dritt jew libertà oħra kontemplata fl-istess Konvenzjoni, l-ilment tal-attur a bażi tal-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni huwa inammissibli u m'hemmx lok li din il-Qorti tidħol fi kwistjonijiet li jolqtu l-mertu ta' dan l-ilment.

27. Għaldaqstant dan l-aggravju qiegħed jiġi miċħud.

**Ir-Raba' Aggravju**

28. Permezz ta' dan l-aggravju l-attur jargumenta li għalkemm il-Protokoll 12 mhuwiex inkorporat fil-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta, l-

Istat Malti rratifikah u għalhekk huwa marbut bid-dispożizzjonijiet tiegħu. Jargumenta li l-interpretazzjoni tal-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropea trid tkun aktar wiesgħa minħabba dak dispost mill-Protokol 12 tal-istess Konvenzjoni u dan mingħajr il-ħtieġa ta' leġiżlazzjoni speċjali li temenda l-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta. Jgħid li għalhekk it-trattament distint li ngħata jrid jiġi nkawdrat mhux biss f'dak li jirrigwarda d-drittijiet fondamentali msemmija fil-Konvenzjoni iżda wkoll fis-sitwazzjonijiet oħrajn kollha li fihom huwa jista' jsib ruħu diskriminat bħala riżultat tan-nuqqas ta' applikazzjoni tal-Artikolu 34(2) tal-Kapitolu 452 tal-Liġijiet ta' Malta.

29. L-Avukat tal-Istat iwieġeb li l-Protokoll numru 12 tal-Konvenzjoni Ewropea ma jsibx applikazzjoni fl-Istat Malti ġaladarba mhuwiex parti mill-liġi Maltija u dan kif jirriżulta mill-Artikolu 2 tal-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta. Jargumenta li fi kwalunke każ, anke kieku kellu jiġi aċċettat li dan il-Protokoll huwa applikabbli, kif sewwa kkonsidrat l-Ewwel Qorti d-diskriminazzjoni projbita għandha tingħata l-istess interpretazzjoni ta' diskriminazzjoni projbita fl-Artikolu 14 u għalhekk it-talba attriċi taħt dan l-artikolu ma setgħetx tiġi milqugħa għall-istess raġunijiet li t-talba attriċi taħt l-Artikolu 14 ma setgħetx tiġi milqugħa.

30. L-Ewwel Qorti għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> "Dan l-artikolu protokollari ifittex li jipprojbixxi d-diskriminazzjoni fit-tgawdija tad-drittijiet stabbiliti fil-liġi b'mod aktar ġenerali mill-artikolu

14. Il-QEBD affermat li d-diskriminazzjoni projbita għandha tingħata l-istess interpretazzjoni ta' diskriminazzjoni projbita fl-artikolu 14 (Pilav v. Bosnia and Herzegovina, 2016, § 40; Zornić v. Bosnia and Herzegovina, 2014, § 27; Sejdić and Finci v. Bosnia and Herzegovina [GC], 2009, §§ 55-56).

Kif sewwa ssottometta l-Avukat tal-Istat fil-paragrafu 54 tan-nota tiegħu, il-protokoll numru 12 mhux wieħed mill-protokolli applikabbli għal finijiet tal-Kapitolu 319. Kif ġie sewwa ritenut fil-kawża Raymond Farrugia et vs L-Avukat Ġenerali et mogħtija mill-Qorti Ċivili Prim' Awla (Sede Kostituzzjonali) fil-21 ta' Ottubru 2015 u affermat mill-Qorti Kostituzzjonali fis-27 ta' Mejju 2016 "Il-Konvenzjoni Ewropea mhix bhal regolamenti tal-Unjoni Ewropea u ghalhekk mhix applikabbli direttament ghal Malta. La darba l-legislatur Malti eskluda l-applikazzjoni tal-artikolu 34 [f'dan il-każ il-protokoll numru 12] tal-Konvenzjoni mill-applikabilita ghal ligijiet Maltin li jidefinixxu u jiggarantixxu d-drittijiet tal-bniedem, allura tali artikolu [f'dan il-każ protokoll] ma jistax jigi applikat biex il-Qrati Maltin jisimghu ilmenti…kif definit fl-artikolu 34 [f'dan il-każ protokoll numru 12] tal-Konvenzjoni. Ma hemm xejn li jeskludi l-fakulta lil tali persuna li tressaq l-ilment taghha quddiem l-ECHR izda mhux direttament fil-Qorti domestika...

l-Artikolu 34 [f'dan il-każ il-protokoll numru 12] tal-Konvenzjoni ma hux parti mil-liġijiet ta' Malta peress li ma hux fost l-artikoli tal-liġi li jinsabu riprodotti fl-Ewwel Skeda mal-Att Dwar il-Konvenzjoni Ewropea, Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta u għalhekk ma hux parti mil-liġijiet ta' Malta u l-ġurisprudenza tal-Qorti ta' Strasbourg dwaru ma tistax, f'dan ir-rigward, tillustra l-pożizzjoni legali f'pajjżna."

Fid-dawl ta' dak affermat f'din is-Sentenza, il-Qorti bl-istess mod tqis dan l-artikolu protokollari bħala mhux applikabbli billi mhux parti mil-liġijiet ta' Malta."

## Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti

31. Il-Qorti tqis li l-appellant ma għandux ragun. Għalkemm huwa minnu li l-Istat Malti rratifika t-Tnax-il Protokoll, xorta waħda dan l-Protokoll ma jistax jingħata effett minn din il-Qorti ladarba ma jifformax parti mill-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta. Fil-fatt, l-Artikolu 2 tal-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta ma jagħmel l-ebda referenza għal dan il-Protokoll

fid-definizzjonijiet mogħtija għat-termini "Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fondamentali" u "Konvenzjoni":

> "Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fondamentali" tfisser dawk id-drittijiet u libertajiet elenkati fl-artikoli 2 sa 18 (inklużi) tal-Konvenzjoni u l-artikoli 1 sa 3 (inklużi) tal-Ewwel Protokoll, l-artikoli 1 sa 4 (inklużi) tar-Raba' Protokoll, l-artikoli 1 u 2 tas-Sitt Protokoll u l-artikoli 1 sa 5 (inklużi) tas-Seba' Protokoll li hemm mal-Konvenzjoni, liema artikoli qegħdin jinġiebu fl-Ewwel Skeda;
>
> "Konvenzjoni" tfisser il-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali ffirmata f'Ruma fl-4 ta' Novembru, 1950 u l-Ewwel, it-Tieni, t-Tielet, ir-Raba', l-Ħames, is-Sitt u s-Seba' Protokolli li hemm magħha ffirmati f'Pariġi fl-20 ta' Marzu 1952, u fi Strasbourg fis-6 ta'Mejju 1963, 6 ta' Mejju 1963, 16 ta' Settembru 1963, 20 ta' Jannar 1966, 18 ta' April 1983 u 22 ta' Novembru 1984, rispettivament;"

32. Għalhekk huwa ċar li l-Qrati Maltin m'għandhomx ġurisdizzjoni sabiex jiddeterminaw ilmenti bbażati fuq it-Tnax-il Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea u għaldaqstant dan l-aggravju qiegħed jiġi miċħud.

**Decide**

Għal dawn il-motivi il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell tal-attur u tikkonferma s-sentenza appellata, bl-ispejjeż kollha kontra l-appellant.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
da